TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Sultana

vs

Go PLC

CCT G13/17/MS

26 ta' Ottubru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-22 ta' Dicembru 2017 fejn talab ir-rifuzjoni ta' mitejn Euro (€200.00), prezz ta' servizz tal-*internet* kif ukoll kumpens ta' nuqqas ta' uzu wara li allegatament ir-rikorrent sofra danni minhabba qtugh fis-servizz tal-*internet* ipprovdut mis-socjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u filwaqt illi rrikkonoxiet li kien hemm qtugh fis-servizz, offriet kumpens ta' hamsin Euro jew inkella mitejn Euro (€50 kontanti, €50 kreditu u €100 ohra waiver ta' spejjes) jekk ir-rikorrenti jintrabat b'kuntratt ta' sentejn. Ir-rikorrent irrifjuta.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi mhemmx dubju illi ghal xi snin ir-rikorrent kien klijent tas-socjeta' intimata ghall-provizzjoni tas-servizz tal-*internet* ghar-residenza tieghu f'Marsalforn. Ir-rikorrent huwa *lecturer* l-universita' u juza l-internet ta' spiss fil-kors tax-xoghol tieghu u ghalhekk kien importanti li jkun hemm servizz regolari u mhux interrott minn zmien ghal zmien. Is-socjeta' intimata tirrikonoxxi li kien hemm il-qtugh, tant illi baghtet it-technicians biex jirrimedjaw kemm - il darba, mhux dejjem b'success, sakemm fl-ahhar il-problema tal-qtugh jidher illi giet solvuta izda s-sahha tal-internet naqset. Ir-rikorrent talab illi jinghata kumpens ta' mitejn Euro (€200.00) ghall-inkonvenjent illi dan in-nuqqas kien ikkawzalu.

Is-socjeta' intimata riedet tasal fi ftehim mar-rikorrenti u permezz ta' email datat 31 ta' Awwissu 2017, minghajr pregudizzju, offriet: " 50 Euro credit on accont, an additional €50 credit on account should you merge your services in one package and sign a 2 year agreement; free location portability amounting to €100 if you sign a two year agreement."

Gew skambjati hafna emails u meta r-rikorrent irrifjuta l-offerta tas-socjeta' intimata peress illi ma riedx jintrabat b'kuntratt fiss, is-socjeta' intimata offrietlu hamsin Euro bhala kumpens. Ir-rikorrent rega' rrifjuta.

Ikkunsidra

It-Tribunal ihoss illi r-rikorrent kellu ragun jilmenta mis-servizz provdut mis-socjeta' intimata. Evidentement kien hemm ragunijiet teknici ghaliex dan is-servizz gie mwaqqaf diversi drabi u ghad li t-teknici tas-socjeta' intimata ppruvaw diversi drabi biex isolvu l-problema dina ppersistiet ghal xi zmien konsiderevoli. Meta mbaghad giet solvuta faqghet problema ohra tan-nuqqas ta' *speed* tas-servizz. Is-socjeta' intimata rrikonoxxiet illi kien hemm il-problemi u riedet tikkumpensa r-rikorrent pero' dan ghamlitu taht kundizzjoni illi r-rikorrent jintrabat maghhom b'kuntratt ghal sentejn u l-kumpens kien ha jkun taht forma ta' kreditu fil-kont tar-rikorrent kif ukoll *waiver fee*.

Is-socjeta' intimata tghid illi din l-offerta ghamlitha bhala sinjal ta' rieda tajba, pero' r-rikorrent deherlu illi dina hija aktar forma ta' rikatt biex jonsbu lir-rikorrent biex jintrabat maghhom ghal sentejn meta diga kien juri skuntentezza bis-servizz li kien qed jigi offrut. Di piu, l-argument tas-socjeta' intimata illi il-valur tal-internet ta' xahar kien ta' hamsa u ghoxrin Euro, ma jaghmilx sens fir-realta peress illi s-servizz jintuza ghal generazzjoni ta' dhul fejn persuna tkun tista' tahdem mid-dar ghall-esekuzzjoni tax-xoghol taghha. Nuqqas ta' internet ghal xahar mhuwiex biss hamsa u ghoxrin Euro (€25.00) ghal min jahdem mid-dar. Apparti l-inkonvenjent u l-briga li toqghod iccempel ghal servizz u l-konsegwenti dewmien, dan jista' jissarraf f'telf ta' introjtu li mhux facli li jigi rikuperat.

It-Tribunal jaqbel mal-fehma tar-rikorrent illi s-soluzzjoni provduta mis-socjeta' intimata hija aktar forma ta' rikatt milli turija ta' rieda tajba u jaqbel ukoll li t-talba tieghu, hi, fic-cirkostanzi, moderata u tisthoqq li tkun milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' t-talba tar-rikorrent u tikundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondilu s-somma ta' mitejn Euro (€200.00). Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru